MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Frar, 2015

Numru. 1259/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs.**

**Francis Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Francis Caruana**, ta' tmienja u hamsin (58) sena, bin Anthony u Kathy neé Agius, imwieled Zejtun, Malta, fil-31 ta' Awwissu 1954 u joqghod f'2, Maruska, Triq l-Istanmar, San Pawl il-Bahar, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 647554(M) akkuzat talli f'xi granet f'Settembru 2011 u wara, f'dawn il-Gzejjer:

1. approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-

obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, ghall-valur ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disa u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta’ Krismar Vassallo;

2. ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta’ tlett (3) sentenzi sospizi moghtija lilu, tnejn (2) minnhom mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Magistrat Dr. L. Quintano LL.D. nhar l-14 ta’ April 2010, mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D. nhar id-29 ta’ April 2010, u l-ohra mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta’ Frar 2009, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

3. wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta’ *probation order* moghtija lilu mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta’ Marzu 2009;

4. irrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati Malta, sentenzi li gew definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 77) datata 24 ta’ Lulju 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 293 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) fl-Artikoli 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(d) fl-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-28 ta’ Ottubru 2013 (*a fol.* 80), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-24 ta’ Lulju 2013 (*a fol.* 77), f’liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi, fis-seduta tal-14 ta’ Lulju 2014 (*a fol.* 86), l-imputat ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 86) lid-difiza tiddikjara li ghajr il-kontro-ezami ta' Krismar Vassallo ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Rat illi, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 87), il-Qorti ddikjarat il-provi tad-difiza bhala maghluqa.

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 87), lil Krismar Vassallo jiddikjara li hu gie mhallas mill-imputat l-ammont kollu li jsir riferenza ghalih fl-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-istess imputat.

Semghet, fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2014 (*a fol.* 89 *et seq.*), is-sottomissjonijiet finali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Frar 2013, xehed il-parti leza **Krismar Vassallo** (*a fol.* 21 *et seq.*) fejn qal li kienu fil-kju tal-ADT u ltaqghu mal-imputat li qalilhom li f'kaz ikunu jridu jaghtuh id-dokumenti li hemm bzonn, flimkien mal-flus, u ma joqghodux imorru l-ADT, ikun jista' jaqdihom hu. Jghid li hekk ghamlu – taw id-dokumenti u l-flus lill-imputat u wara hafna giri warajh, l-imputat tahom id-dokumenti lura minghajr flus. Jghid li l-ammont ta' flus kien dak ta' elfejn u tmien mitt Euro (€2,800) u li dawn kienu gew mghoddija lill-imputat fi flus kontanti. Jghid li dan l-ammont kien ikopri registrazzjoni, licenzja ecc u li kien mghoddi ghall-habta ta' Awwissu-Settembru 2011. Jixhed li l-vettura in kwistjoni kienet giet mibjugha, li kienet fi shab bejnu, David Darmanin u Tonio McKay u li huma kellhom jergghu ihallsu l-flus biex tigi registrata. Jghid li l-imputat qallu biex jaghtih Ford Semax sakemm ikun jista' jaghtih il-flus. Jixhed li meta ra li l-flus qatt ma gew lura mill-imputat, kellu jirrikorri ghal dawn il-proceduri.

In <u>kontro-ezami</u>, mistoqsi jghid kemm kien l-ammont li kellu jiehu l-imputat ghalih mill-ammont imhallas lilu, wiegeb li ma jafx ezatt. Jghid li jinsab cert li mill-ammont imhallas lill-imputat xi haga kienet ghalih. Mistoqsi jghid fejn tinsab il-Ford Semax jghid li din tinsab ghandhom u mistoqsi jghid ghala din ma hadhiex lura lill-imputat, wiegeb: *"Ghax jiena bazikament hu tahieli sa kemm itini l-flus lura"* (*a fol.* 26).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Frar 2013, xehed ukoll **Anthony Mckay** (*a fol.* 29 *et seq.*) fejn qal li kienu marru l-ADT biex jirregistra vettura, ltaqghu mal-imputat li qalilhom biex jaghtu kollox lilhom u jirranga hu u b'hekk ma kellhomx ghalfejn joqghodu fil-kju. Jghid li ghamlu hekk meta waslu biex jirregistraw vettura ohra u b'hekk taw il-flus lill-imputat li qalilhom li kien ser jirregistra l-vettura. Jghid li mieghu kien hemm Krismar Vassallo. Jixhed li l-ammont mghoddi lill-imputat kien dak ta' elfejn u tmien mitt Euro (€2,800) liema ammont kellu jkopri r-registrazzjoni u jgibilhom in-numri tal-vettura. Jispjega li dan l-ammont gie mghoddi fi flus kontanti. Jghid li Krismar Vassallo kellu jerga' johrog il-flus beix tigi registrata l-vettura u hu (McKay) tah xi haga mill-flus. Jghid li qalulu kemm il-darba lill-imputat biex jaghtihom lura l-flus pero dawn qatt ma waslu. Jixhed li l-imputat kien halla vettura ghandhom u li minkejja li kienu ftehmu li kellhom jaghtuh il-vettura lura u hu jaghtihom il-flus, il-flus ma gewx lura

In <u>kontro-ezami</u>, mistoqsi jghid min hareg l-ammont ta' elfejn u tmien mitt (€2,800), jghid li dawn hargu bejn tlieta u li kien Krismar Vassallo li ta l-flus lill-imputat. Jghid li l-vettura moghtija mill-imputat kienet Focus. Jichad li din il-vettura kienet giet moghtija lilhom mill-imputat bhala kumpens ghal dak li kienu tawh. Jghid li huma riedu flus u li l-vettura moghtija lilhom ma tiswa xejn. Jghid li l-vettura ma ghandhomx x'jambuha.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' April 2013, xehed **David Darmanin** (*a fol.* 39 *et seq.*) fuq l-istess linji li xehdu fuqhom Vassallo u McKay.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' April 2013, xehed ukoll **Brian Farrugia** (*Legal Officer* fi hdan l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta – *a fol.* 42 *et seq.*) fejn xehed li vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBZ 756 giet registrata ma' Transport Malta fil-21 ta' Marzu 2012 u fit-22 ta' Marzu 2012 giet trasferita minn Gaetano Fenech (ghan-nom ta' Premier Car Centre) fuq Krismar Vassallo. Jghid li fit-30 ta' Marzu 2012 il-vettura giet trasferita fuq Stephen Fenech u ghadha registrata fuqu. Ezebixxa d-dokumentazzjoni li xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "BF 1" (*a fol.* 44 *et seq.*). Jixhed ukoll li gie mitlub jixhed rigward vettura bin-numru ta' registrazzjoni BJ54XNG u jghid li din mhix registrata ma' Transport Malta peress li Transport Malta ma jkollhiex riferenza bin-numri ta' barra.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Rennie Stivala** (*a fol.* 55 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' kwerela mibghuta minn Krismar Vassallo f'Gunju 2012 fejn qal li flimkien ma' persuni ohra, hu (Vassallo) gabu vettura mill-Ingilterra bl-intenzjoni li jbieghuha. Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "RS 1" sa "RS 6" (*a fol.* 57 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013, xehed l-i**Spettur Ramon Cassar** (*a fol.* 81) fejn saritlu riferenza ghal sentenza li tinsab *a fol.* 64 *et seq.* u kkonferma li l-imputat prezenti fl-awla kien l-istess imputat fis-sentenza in kwistjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-istqarrija (Dok. "RS 2" – *a fol.* 58 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt (Dok. "RS 1" – *a fol.* 57), l-imputat ikkonferma li McKay u Darmanin kienu tawh l-ammont ta' elfejn u tmien mitt Euro (€2,800) biex jirregistra vettura pero kien hemm xi karti neqsin u ma setghax jaghmel ir-registrazzjoni u b'hekk huwa uza l-flus ghal xi haga ohra sakemm il-mekkanik kellu jehodlu din il-karta. Jghid li meta gie mitlub jinghata l-flus lura, hu ma kienx f'pozizzjoni li jaghmel dan u talabhom ftit taz-zmien. Jghid li sakemm jaghtihom il-flus lura, kien tahom van Ford Focus flimkien mal-*log book* iffirmat. Jghid li wara xi zmien kien gie mitlub il-flus lura u meta huwa talab li jinghata l-van, McKay ma riedx jirritornah. Mistoqsi jghid jekk kienx fi hsiebu li jrodd lura dawn il-flus, jghid: *"Iva, nintrabat li sal-hmistax ta' Awwissu 2012 nkun raddejt lura l-ammont kollu"* (*a fol.* 59).

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Approprjazzjoni bla jedd)</u>**:

Illi fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali jidhirlu li ghandha tinstab htija fl-imputat taht, fost l-ohrajn, Artikoli 293 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jinghad illi Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta r-reat ta' misapproprjazzjoni u cioé meta persuna zzomm hwejjeg li tkun zammet ghal haddiehor u ma troddhomx lura meta hi tkun taf li trid troddhom.

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina x'inhuma l-elementi tar-reat ta' approprjazzjoni indebita. Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet sabiex janalizzaw dan ir-reat fosthom fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni et** deciza fid-9 ta' Gunju 1998. F'dan il-kaz il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru dana ir-reat:

> "Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd

dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor".

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

"*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (Manuale di Diritto Penale, Giuffré (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dr. Siegfried Borg Cole** deciza fit-23 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"[...F]il-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita [...]. Kif jispjega Luigi Majno:

*Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita é necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprietà, a scopo d'indebito profitto per sè o per un terzo, il dolo sarà costituito dalla volontarietà della conversione con scienza della sua illegittimità, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrerà in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di*

> *appropriazione indebita è (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perché non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza é costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole".*

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputat gie moghti s-somma ta' elfejn u tmien mitt (€2,800) minn ghand il-parti leza sabiex tkun tista' tigi registrata vettura u li minkejja li gew mghoddija dawn il-flus ghal ghan specifiku msemmi, dan l-ghan specifiku baqa' ma giex mwettaq tant li l-parti leza u s-shab tieghu kellhom jergghu jhallsu biex tigi registrata l-vettura in kwistjoni.

Illi, fl-istqarrija (Dok. "RS 2" – *a fol.* 58 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt (Dok. "RS 1" – *a fol.* 57), l-imputat ikkonferma li kien gie moghti l-ammont imsemmi u spjega li huwa ma setghax jaghmel dak mitlub minnu minhabba li kien hemm xi karti neqsin. Jghid: *"Jien il-flus ilhaqt wzajthom ghal xi haga ohra sakemm il-mechanic kellu jgibli din il-karta"* (*a fol.* 58).

Illi jirrizulta wkoll li minkejja d-diversi weghdiet li l-imputat ghamel li kien ser ihallas lura l-ammont imhallas lilu, hu dam diversi xhur, u anke snin, sakemm ghamel dan. *Di fatti*, minkejja li fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija, liema stqarrija ttiehdet fid-9 ta' Lulju 2012, l-imputat qal li kien ser ihallas lura l-ammont sal-15 ta' Awwissu 2012, jirrizulta li sat-8 ta' April 2013 (meta xehed David Darmanin) dan l-ammont kien ghadu ma thallasx. Kien biss wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha li dan l-ammont gie mhallas lura mill-imputat. Kien fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 87) li Krismar

Vassallo ddikjara li hu gie mhallas mill-imputat l-ammont kollu li jsir riferenza ghalih fl-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-istess imputat.

Illi, fir-rigward tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat, wiehed ma jridx jinsa dak illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija tal-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova regina li tista' tressaq il-Prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali). Illi, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Robert Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Marzu 2009, il-Qorti qalet hekk:

> "Illi l-aggravju bazat fuq il-fatt li ma nstabet ebda droga ghand l-appellant ma jannjentax id-dikjarazzjoni tal-appellant li ma gietx retratta minnu lanqas fix-xhieda tieghu li hu kien jixtri r-raza tal-cannabis ghalih kif ukoll ghal haddiehor, sija pure fix-xhieda tieghu emfasizza kemm felah li dan kien jaghmlu biex ipejjpuha flimkien. Din id-dikjarazzjoni tieghu, ladarba giet maghmula volontarjament tikkostitwixxi l-prova regina w ma hemmx ghalfejn tkun akkompanjata minn xi prova ohra bhal ma hi s-sejbien fiziku tad-droga fil-pussess tieghu".

Illi ma jirrizultax li d-dikjarazzjoni tal-imputat fil-kaz odjern giet mehuda b'mod mhux volontarju u b'hekk m'hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u dana b'mod specjali meta wiehed jikkunsidra l-insjament fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Francesco Saverio sive Francis X Aquilina**, li giet moghtija fil-15 ta' Frar 2000, fejn, minkejja li l-mertu kien wiehed divers minn dak tal-kawza odjerna, dan l-insjemant jista' jigi applikat ghall-kaz odjern. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Meta kumpanija tuza l-flus li tkun gabret bhala VAT sabiex tkompli topera bihom, dik il-kumpanija tkun qed tikkometti r-reat ta' approprazzjoni bla jedd; anzi dan hu kwazi kaz klassiku ta' approprjazzjoni indebita. U f'dak il-kaz ikun hemm, kif diga nghad, ir-responsabilita' vikarja ta' kull direttur, *manager*, segretarju jew ufficjal iehor simili ta' dik il-kumpanija".

Illi, minn dak kollu li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**

**(Kommissjoni ta' Reat Matul il-Perijodu Operattiv)**:

Illi fit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat issir riferenza ghal numru ta' sentenzi. Il-Qorti tinnota li, apparti s-sentenza datata 12 ta' Marzu 2009 (Dok. "RS 3" – *a fol.* 60 *et seq.*), li ma ssirx riferenza ghaliha fit-tieni (2) imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ezebiet is-segwenti sentenzi: Dok. "RS 4" (*a fol.* 64 *et seq.*), Dok. "RS 5" (*a fol.* 66 *et seq.*) u Dok. "RS 6" (*a fol.* 68 *et seq.*).

Illi fir-rigward tas-sentenzi mmarkati bhala Dok. "RS 5" (*a fol.* 66 *et seq.*) u Dok. "RS 6" (*a fol.* 68 *et seq.*). jirrizulta li l-konnotati hemm indikati tal-persuna li fil-konfronta taghha nghataw is-sentenza huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna u ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li dawn is-sentenzi fil-fatt inghataw fil-konfront tal-imputat odjern. Fir-rigward tas-sentenza mmarkata bhala Dok. "RS 4" (*a fol.* 64 *et seq.*) gie konfermat mill-iSpettur Ramon Cassar (*a fol.* 81) li din is-sentenza nghatat fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna.

Illi, tenut kont ta' dawn is-sentenzi msemmja hawn fuq, il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet ukoll sodisfacentement pruvata.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni**

**(Reat waqt il-Perjodu Operattiv ta' *Probation Order*)**:

Illi t-tielet (3) imputazzjoni taghmel riferenza ghal sentenza datata 12 ta' Marzu 2009. Il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ezebiet din is-sentenza li giet immarkata bhala Dok. "RS 3" (*a fol.* 60 *et seq.*). Il-Qorti tinnota wkoll li din is-sentenza ma tikkontjeniex il-konnotati tal-imputat fil-konfront ta' liema nghatat is-sentenza u *stante* li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq xhieda rigward l-identifikazzjoni tal-imputat fis-sentenza msemmija, il-Qorti mhijiex ser tikkunsidra tali sentenza. Ghaldaqstant, jirrizulta li t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Ir-Raba' (4) Imputazzjoni**

**(Recidiv)**

Illi l-Qorti diga ghamlet riferenza ghas-sentenzi li gew ezebiti mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri. Ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, dawk is-sentenzi li l-Qorti ghandha tikkunsidra huma s-segwenti: Dok. "RS 4" (*a fol.* 64 *et seq.*), Dok. "RS 5" (*a fol.* 66 *et seq.*), u Dok. "RS 6" (*a fol.* 68 *et seq.*).

Illi, fin-Nota ta' Rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali jidhirlu li l-imputat ghandu jinstab recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tinnota li filwaqt li jirrizultalha sodisfacentement pruvat li l-imputat huwa recidiv *ai termini* tal-Artikolu 49, mhux l-istess jista'

jinghad fir-rigward tal-Artikolu 50 u dana wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni Artikolu 28F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk l-imputat ser jigi misjub li huwa recidiv biss *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati. Fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, il-Qorti ser issib lill-imputat li huwa recidiv biss *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 Ligijiet ta' Malta.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati, b'mod partikolari t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu (u cioé fejn l-imputat ikkommetta r-reat addebitat lilu waqt perjodu operattiv ta' diversi sentenzi sospizi), u kif ukoll il-fedina penali (Dok. "B" – *a fol.* 9 *et seq.*) tal-istess imputat, li jirrizulta li mhijiex wahda nadifa. Il-Qorti tinnota li minkejja li jirrizulta li tul is-smiegh tal-proceduri odjerni l-imputat hallas l-ammont in kwistjoni lill-parti leza, ma jirrizultax li saret xi rinunzja da parte tal-parti leza ghal dak li huwa rinunzjabbli. Apparti minn dan, il-Qorti ghandha sitwazzjoni quddiemha fejn l-imputat ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' tlitt sentenzi sospizi, il-mertu ta' liema sentenzi kien simili jekk hux identiku ghal dak tal-kawza odjerna. **Jidher li l-imputat ma jridx jitghallem u dana minkejja li huwa nghata mhux cans wiehed, anqas tnejn pero diversi cansijiet sabiex jaghraf jimxi fit-triq it-tajba, pero huwa ma hax dan ic-cans tant illi konsistentement baqa' jikkommetti reat wara l-iehor u dana minkejja li kellu sentenzi ta' prigunerija sospizi fil-konfront tieghu**. M'hemmx dubju li din id-darba l-Qorti ghandha, u hija kostretta, timponi terminu ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat u hija kostretta wkoll iggib fis-sehh is-sentenzi ta' prigunerija sospizi li kienu gew moghtija fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha, fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni ma tikkunsidrax lill-imputat recidiv *ai termini* tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-24 ta' Lulju 2013 b'mod partikolari Artikoli 28B, 49, 293 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Francis Caruana hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni (taht Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta **biss**) migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li ggib fis-sehh is-sentenzi ta' prigunerija sospizi moghtija fit-12 ta' Frar 2009 (Dok. "RS 4" – *a fol.* 64 *et seq.*), fl-14 ta' April 2010 (Dok. "RS 5" – *a fol.* 66 *et seq.*), u fid-29 ta' April 2010 (Dok. "RS 6" – *a fol.* 68 *et seq.*), f'liema sentenzi l-imputat nghata, f'kull sentenza, il-piena ta' sentejn prigunerija li kienet giet sospiza ghall-erba' (4) snin, tikkundanna lill-imputat ghal perijodu iehor ta' sena u sitt xhur prigunerija, biex b'hekk l-imputat ikun gie globalment kundannat ghal perjodu ta' seba' (7) snin u sitt (6) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------